# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 586

Kaz Nru. 705

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alfred Spiteri

u

Croma Footwear Co. Ltd
kif rapprezentata mis-sinjuri
Domenic u Joseph Carbonaro

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 20 ta' Settembru, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

PRELIMINARI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz tal-ittra Nru. 62\92\46 tal-24 ta' Settembru 1992 mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani, skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant Alfred Spiteri kien assistit mill-Avukat Dr. G. Caruana Demajo, LL.D. waqt li ghall-Kumpanija deher is-sur Domnic Carbouaro assistit mill-Avukat Dr. J. Schembri LL.D.

It-Tribunal zamm hames seduti.

RIKORRENZI

L-appellant kien impjegat ma' Croma Footwear Co. Ltd. Oltre dan, huwa kellu l-hanut tieghu fejn kien isewwi z-zraben u anke gieli jaghmel par zraben godda. Kien hemm ftehim mad-direttur tad-ditta, illi ma' jahdimx 'overtime' biex ikun jista' jahdem fil-hanut tieghu wara li jkun spicca x-xoghol normali fil-fabbrika. Fuq talbiet individwali, l-appellant u siehbu, Benny Zammit, li wkoll dak iz-zmien kien impjegat ma' Croma, beda jahdem zraben tat-tip 'Dekolte' bhal ma kienet taghmel il-fabbrika. Id-direttur tal-fabbrika, Domenic Carbonaro sar jaf b'dan. L-appellant sostna illi n-numru ta' pari li kien qieghed jaghmel tant kien zghir illa ma kienux jaghmlu kompetizzjoni mal-fabbrika fejn kien impjegat. Carbonaro talab lil Spiteri biex jaghtih rendi-kont tal-produzzjoni tieghu imma l-appellant naqas li jaghmel dan. Carbonaro, li kien konvint li l-appellant kien qieghed jaghmillha konkorrenza, iddecieda illi jaghtih is-sensja. Sadanittant Benny Zammit kien ga telaq minn mal-Croma.

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-qofol ta' din il-kwistjoni hu proprju jekk in-numru ta' zraben, tip tal-fabbrika, kien sinjifikanti bizzejjed biex jikkostitwixxi kompetizzjoni mal-fabbrika. Mix-xhieda rrizulta illi Spiteri u Zammit bejniethom kienu waslu biex jipproducu oltra hames mitt par fis-sena bil-qliegh ghalihom ta' oltre elf lira Maltin.

Fl-opinjoni tal-Tribunal, li mpjegat jipproduci ghal rasu l-istess tip ta' zarbun li timanifattura l-Kumpanija tieghu mhix haga kompatibbli mal-pozizzjoni tieghu bhala mpjegat. Din l-inkompatibilita' tikber skond il-kwantita ta' zraben prodotti. Apparti dan, ghalkemm ma ssemmitx fix-xhieda, huwa ragonevoli biex wiehed ighid illi l-'overheads' ta' ..bbrika huma wisq aktar min dawk ta' hanut zghir.

DECIZJONI

Ghalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, it-terminazzjoni tal-impjieg ta' Alfred Spiteri kienet gustifikata, u t-Tribunal ma jistax jaccetta t-talba tieghu.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 43 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-Tribunal qed jintaxxa kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghall-partijiet id-.rittijiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg